**SILHOUETTE**

# XEWQA... U PJAN

*Ta'* G. Z. A.

NIXTIEQ nikteb storja hekk sabiħa li ġġennen lil kulħadd bi ġmielha, imma jaħasra għalija, la naf noħloq suġġett li jolqot il-moħħ jew il-qalb u lanqas m'għandi l-ħila nirqem l-istorja li nixtieq nikteb (jekk qatt jirnexxili) bil-kliem li jkunu jixirqulha. Naħseb li hawn bosta li jħossu u jixtiequ bħali u li ħafna drabi jaqbdu l-pinna f'idejhom u jqiegħdu l-karta quddiemhom, imma jibqgħu ma jagħmlu xejn ħlief forsi jħarbxu xi żewġ kelmiet 'l hawn u 'l hinn, li la jkun fihom sens u lanqas sugu.

Lil dawn it-talin, kittieba bix-xewqa jekk mhux bil-fatti, irrid ingħidilhom biex ma jaqtgħux qalbhom. J'Alla jibqgħu jippruvaw; darba għad tista' toħroġ mill-pinna tagħhom xi ħaġa li ma jkunux jistennew, imma li tingħoġob u tinqara b'għożża mill-pubbliku (saħansitra jekk għas-sbuħija tagħha ma jkollhiex x'taqsam ma' dik l-istorja li jien irrid nikteb, imma li għadni ma ktibtx!) Mill-banda l-oħra, ħadd m'għandu jaħseb li billi jpoġġi fuq skrivanija u jwaħħal f'rasu li jrid joħloq xi biċċa letteratura b'daqshekk biss ikun hejja ruħu biżżejjed biex jagħti lid-dinja kitba li tibqa' tgħix snin wara li l-awtur tagħha jkun miet.

Kull xorta ta' kitba letterarja hi r-riżultat ta' ħafna xogħol iebes, thejjija siekta u sabar twil. Saħansitra l-aktar storja sempliċi titlob ħafna ħsieb. L-ewwelnett l-awtur jagħżel is-suġġett u mbagħad jinseġ u jfassal l-istorja; jifli bir-reqqa kull biċċa minnha biex jara jekk kollox hux floku u f'waqtu. Aktarx iniżżel fuq biċċa karta l-punti ewlenin biex żgur ma jaħrablu xejn minn dak li jrid igħid u mbagħad jibda biex jikteb.

Hawn jibda twegħir ġdid. L-awtur jikteb l-ewwel ftit kliem li aktarx ma jogħġbuhx; iħassarhom b'daqqa ta' pinna u jerġa' jipprova... sakemm fl-aħħar jirnexxilu jfisser bi kliem xieraq dak li jixtieq igħid u li jħoss. U hekk jibqa' sejjer, paragrafu wara l-ieħor, sakemm fl-aħħar jasal fit-tmiem.

Ix-xogħol ma jintemmx hawn. L-awtur jerġa' jaqra mill-ġdid dak kollu li jkun kiteb b'ħafna taħbit. Xi kelma, xi frażi, xi sentenza sħiħa jibdew ma jogħġbuhx. Hu jħassarhom u jikteb

oħrajn minn flokhom; kultant it-tieni u t-tielet prova togħġbu inqas minn ta' l-ewwel u għalhekk jaqta' li jħalli dak li jkun kiteb l-ewwel darba. U hekk jibqa' sejjer, jifli bir-reqqa u jiżen kull kelma u kull sentiment. Fl-aħħar jieqaf.

Issa jibda tħewdin ieħor: Min jaf jekk l-istorja tingħoġobx? Min jaf jekk fissertx ruħi tajjeb? — Jibda jistaqsi lilu nnifsu l-awtur. Aktarx hu jitlob il-parir ta' xi ħabib li jkun jifhem f'dan ix-xogħol. Il-ħabib jaqra bis-sabar kollu l-istorja, jeżaminaha sewwa u jsawwar fehmtu dwarha. Dan l-imħallef jista' jmaqdar jew ifaħħar, imma dejjem jagħti xi parir. B'danakollu, ħadd ħlief l-awtur innifsu ma jista' jiddeċiedi x'għandu jitħalla barra, jiżdied jew jinbidel. Għalhekk qalb il-kittieb tibqa' ttaqtaq — għad fadal l-editur u mħallef ieħor aktar aħrax, il-pubbliku. F'idejhom ix-xorti ta' l-istorja, u l-awtur ma jistax jagħmel ħaġa aħjar milli joqgħod bis-sabar jistenna l-verdett tagħhom.

Kelma ta' l-aħħar. Ħadd m'għandu jaqta' qalbu jekk l-ewwel xogħol tiegħu ma jkunx milqugħ tajjeb, ukoll jekk ikun swielu ħafna għaraq. Fl-istorja tal-letteratura niltaqgħu ma' kemm-il-ġrajja ta' din ix-xorta, fejn kittieb baqa' żmien twil mhux magħruf u magħżuż u li fl-aħħar kiseb isem kbir, xi drabi wara mewtu.

Dan hu l-pjan li fuqu beħsiebni nimxi biex nikteb l-istorja sabiħa tiegħi u naqta' xewqti. Xi darba għad forsi jirnexxili u hekk nagħti lix-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti xi novella biex ixxandarha bir-Rediffusion.